MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1301/2004

**Seychell Raymond**

**Vs**

**Cassar Aaron ID 29276M**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta’ Gunju 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm875.50 (tmien mija hamsa u sebghin Lira Maltin u hamsin centezmu) rappresentanti danni sofferti f’incident awtomobilistiku li sehh nhar is-16 t’April, 2004 gewwa l-Marsa.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Inti ghandek thallas is-somma ta’ tmin mija hamsa u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm875.50) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dan it-Tribunal rappresentanti danni sofferti mill-attur minhabba incident

awtomobilistiku illi sehh nhar is-16 t'April, 2004 ghall-habta tas-6.15pm fi Triq Garbaldi, Marsa waqt li l-attur kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Peogoet 406 bin-numru tar-registrazzjoni KTY 142 u inti waqt li kont qieghed issuq il-vettura tal-marka Opel Astra bin-numru tar-registrazzjoni FBL 185 hbatt fil-vettura ta' l-attur u ikkagunatlu hsara fil-vettura tieghu liema incident sehh unikament minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghek.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dik tal-ittra legali datata 13 ta' Mejju, 2004 u tal-ittra uficcjali ippresentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi in linea preliminari, Raymond Seychell mhux il-legittimu kontradittur tal-esponenti, u ma ghandux l-interess guridiku rikjest mil-ligi sabiex jippromouvi ic-citazzjoni odjerna, peress illi mhux u qatt ma kien sid il-vettura KTY 142, u ghalhekk mhuwiex il-persuna li sofriet id-danni reklamati.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, ghaliex ghall-incident jahti unikament is-sewwieq tal-vettura KTY 142, precizament Raymond Seychell minhabba sewqan traskurat u negligenti u minhabba illi huwa naqas illi josserva ir-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan tieghu.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa imsejjah l-attur.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi giet sollevata eccezzjoni mill-konvenut fis-sens illi, l-attur ma hux il-persuna donea li kellha tippronwovi l-odjerni proceduri gudizzjarji billi fl-ebda mument ma kien sid il-vettura. Ghandhu jinghad pero` illi anke

gurisprudenza kostanti li ancor che il-persuna ma tkunx l-persuna registrata bhala owner. Il-fatt illi vettura tkun fil-pussess tieghu u huwa licenzjat biex jahdem bijha fin-negozju partikolari tieghu u ghamel tajjeb ghal istess danni allura ghandhu l-kapacita gudizzjarja kif jinghad fl-locus standi udicio u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha peress illi l-pozizzjoni ta' l-attur hija perfettament kongruwa sabiex jaghmel dawn il-proceduri. Ghar-rigward il-kollizjoni propria din tikkoncerna habta bejn zewg karozzi li grat kif jinqabzu l-lights tal-Marsa taht ic-cimiterju ta' l-Adolorata u l-vetturi kienu sejrin wiehed lejn Garibaldi Street lejn id-direzzjoni ta' Hal-Luqa l-Airport, dina kienet Taxi u l-ohra riedet tmur lejn id-direzzjoni tal-belt billi ddur minfejn jikser.

L-attur ried imur fid-direzzjoni ta' l-Airport u kien miexi wara l-konvenut. Kif sab l-ispazju biex jaqbzu, huwa qalgha fuq il-lemin u kif gie biex jibqa sejjer fid-dritt, f'daqqa wahda l-konvenut kisirlu fuq l-lemin minghajr sinjal ta' xejn u kif dar quddiemu, laqtu fuq wara u dar. Mhux kontestat li kienu wara xulxin u li kienu sejrin fl-istess direzzjoni. Pero` ex admissis mill-istess johrogu zewg punti.

1) Illi huwa ma riedx imur fid-direzzjoni ta' Hal-Luqa l-Airport imma ried jikser fuq il-lemin, it-tieni kisra peress li ried imur lejn il-Belt u l-ewwel triq fejn hemm is-Super One kien hemm it-traffiku u kien stagnat, allura baqa sejjer dritt biex jikser mit-tieni wahda u johrog min fejn jikser. F'dak il-mument pero` ma ta l-ebda sinjal illi n-nuqqas tal-konvenut huwa aktar lampanti in vista illi kien jaf fejn ried imur u flok ha l-pozizzjoni tieghu mill-ewwel biex jindika fejn irid imur oltre jaghti ndikazzjoni tramite l-indicator li ser jikser fuq il-lemin, min dana kollu ma ghamel xejn.

Vetturi li hemm ohra jsuqu warajha fin-normalita ta' karregjata tiehu hsieb il-vettura ta' wara, pero` meta ser ikun hemm kambjament tad-direzzjoni, il-vettura ta' quddiem trid taghti l-istess indikazzjoni lill-vettura ta' wara sabiex ma jinholqox xi sorpriza w tigi kreata xi perikolu ghaliha stess.

L-attur gie gustifikat fl-intendiment tieghu illi, diment illi din il-vettura ma tat l-ebda ndikazzjoni u kienet sejra fid-direzzjoni tieghu, ried jaqbiza biex jibqa sejjer fi triqtu. Spazju kien hemm, it-triq kienet wiesgha u t-traffiku jippermetti. Il-fatt illi l-vettura tal-konvenut kienet ha tikser lejn il-lemin, messha hadet ukoll il-prekawzjoni ukoll billi tara li l-istess manuvra ma kienitx ha tkun ta` periklu ghal xi vettura ohra, sia ghal dawk li kienu sejrin fl-istess direzzjoni taghha u sia ghal dawk il-vetturi li kienu mexjin fid-direzzjoni ghal Hal-Luqa. Kien f'dak il-mument illi hekk kif kiser saret il-habta. Ghar-rigward ghal ammont ta' danni gew prezentati surveyor u bord ta` spiza, x`hemm jinvolvi bhala parts hemm ammont ta' erbgha mija u hamsin lira Maltin (Lm450), spray mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm125), u labour mitt lira Maltin (Lm100), dawn jigu sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm675). Bhala loss of use gie ndikat erbat' ijiem, pero` ma gie notifikat imkien kemm hu l-ammont solidu. Bhala ammont loss of use qed jigi ffissat is-somma ta' Lm25 (hamsa u ghoxrin Lira Maltin) kuljum bhala loss of views u ghaldaqstant jinvolvi mitt lira Maltin ohra (Lm100), b'kollox sebgha mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm775).

Jiddikjara lil konvenut unikament responsabbli ghal incident de quo u jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sebgha mitt lira u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm775), bi spejjes u nteressi kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------